MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Numru 681/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs.**

**Carl Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carl Grima** ta' wiehed u tletin (31) sena, bin Raymond u Margaret neé Vella, imwieled Pietà, fit-22 ta' Marzu 1981, residenti 34, Triq A. Cuschieri, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 159981(M) li gie akkuzat talli:

f'dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2011 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, appropra ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn

elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija Arriva Malta Limited.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet id-depozizzjoni tal-Ispettur Jonathan Ferris u kif ukoll ta' Carmen Galea, rapprezentanta tas-socjeta' Arriva Malta Limited, li xehdet li l-ammont dovut mill-imputat lis-socjeta' Arriva Malta Limited jammonta ghal € 6688.23.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi: fosthom in-natura tar-reati addebitat lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija u kif ukoll, b'mod partikolari, il-fatt li f'kaz li l-imputat jinghata piena ta' prigunerija effettiva ma jkunx f'pozizzjoni li jhallas l-ammont dovut lis-socjeta' Arriva Malta Limited u ghaldaqstant ikun ghaqli li l-imputat jinghata sentenza li permezz taghha jkun jista' fi zmien qasir ihallas lura dak li huwa dovut u fin-nuqqas jiskonta piena ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba’ snin u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lis-socjeta’ Arriva Malta Limited is-somma ta’ sitt’elef, sitt mija u tmienja u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€ 6688.23).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erba’ snin jew jekk ma jhallasx l-ammont ta’ € 6688.23 fiz-zmien lilu moghti.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti f’dawn il-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f’dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------